MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2009

Avviz Numru. 127/2008

**Mariusca Thornton nee Fava**

**Vs**

**Charles Fava, Emmanuel Fava u Joseph Fava.**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti Mariusca Thornton nee Fava fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbgha (4) ta’ Marzu 2008 fejn talbet lil Qorti, tikkundanna lill-konvenuti u l-eredi ta’ missierhom il-mejjet Francis Fava, jhallulha l-prelegati tas-somma ta’ sitt elef, disgha mija u tmienja u tmenin euro (€6,988) ekwivalenti ghal tlett elef liri Maltin (LM3,000) u jikkonsenjawlha *television* tal-marka ‘HITACHI’, kollox mholli lilha ‘n forza ta’ testament maghmul minn nannuha Francis Fava nhar s-sbatax (17) ta’ Jannar 2005 in atti Nutar Marica Buttigieg Sciberras.

Minkejja li gew interpellati b’ittra ufficcjali tal-hmistax (15) ta’ Settembru 2006, baqghu nadempjenti.
Bl-ispejjez u bl-imghax sal-hlas effettiv.

Il-konvenuti ngunti 'n subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Joseph Fava u Emmanuel Fava fejn esponew s-segwenti:-

"I. Illi din il-Qorti mhiex kompetenti li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza peress li t-talba kif maghmula mhix sostenibbli, billi qabel xejn l-attrici trid titlob l-immissjoni tal-pussess tal-legat in kwistjoni, liema talba hija ta' kompetenza tal-Qrati Superjuri.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward l-ewwel talba tal-attur, l-esponenti jeccepixxu l-intempestivita tal-azzjoni tal-attrici, ghaliex it-terminu biex l-esponent titlob il-wirt, legat jew il-legittima spettanti lilha mis-successjoni ta' missierha Francis Fava li miet fil-hmistax (15) ta' Mejju 2005, ghadu ma skadiex w ghadu ma iddecidiex.

Ghaldaqstant talab li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.

Salv id-dritt ta' risposta ulterjuri."

Rat ir-risposta ta' Charles Fava fejn espona s-segwenti:-

"1. Illi huwa qatt m'oppona ghat-talba attrici. Huwa ma setghax ihallas il-legat lil bintu l-attrici minhabba l-oppozizzjoni tal-intimati l-ohra li jillikwidaw l-eredita.

2. Illi 'n vista tas-suespost, l-esponent m'ghandux ibati spejjez ta' din il-procedura."

Rat l-affidavit tal-attrici **Mariusca Thornton** ipprezentat fl-atti nhar t-tnejn w ghoxrin (22) t'Ottubru 2008 (fol. 13) fejn hija tikkonferma li nannuha miet fil-hmistax (15) ta' Mejju 2005 fl-eta ta' erbgha w tmenin (84) sena skond certifikat tal-mewt esebit fl-atti w immarkat bhala Dok. A. Stqarret li n-nanniet, taghha permezz ta' testament *unica carta* datat erbgha w ghoxrin (24) ta' Mejju 1999, innominaw bhala eredi universali taghhom, lil missierha Charles Fava u liz-

zijiet taghha Joseph u Emmanuel ahwa Fava u lilha hallew b'titolu ta' legat in piena proprjeta wara mewthom, it-*television* tal-kulur (28 inch) tal-marka 'HITACHI' u dan sabiex jikkumpensawha tas-servigi li rrendietilhom.

Illi permezz ta' testament iehor datat sebgha (7) ta' Jannar 2005, nannuha hallielha wkoll b'titolu ta' legat in piena proprjeta, s-somma ta' tlett elef lira Maltin jew €6,988 sabiex jikkumpensaha ghas-servigi li rrendietlu matul hajtu. Illi dawn it-testmenti ma gewx revokati, u peress illi missierha u z-zijietha huma l-eredi universali tal-gid ta' nannuha, hija kellha titlob lilhom sabiex jaghtuha l-pussess tal-flus u tat-*television* peress illi huma l-eredi. Tghid li missierha qatt ma cahhadha minn dawn il-legati, pero z-zijiet qatt ma riedu jaghtuha dak li kien hallielha nannuha. Bil-kelma t-tajba ma waslux.

Fil-fatt tispjega li hija kellha tiehu azzjoni permezz ta' ittra ufficcjali li ggib in-numru 3435 tas-sena 2006 (vide Dok. I) sabiex l-eredi immutha fil-pussess tal-flus u t-televizjoni li ghogbu jhallilha nannuha. Ghalkemm din l-ittra giet debitament notifikata lilhom, huma baqghu nadempjenti. Kien ghalhekk tispjega. li kellha tiftah kawza kontra l-eredi quddiem il-Qorti sabiex imittuha fil-pussess ta' dak lil hallielha nannuha.

Rat id-dokumenti esebiti, fosthom it-testment datata erbgha w ghoxrin (24) ta' Mejju 1999 redatt minn Nutar Marica Buttigieg Sciberras (Dok. B fol. 16), t-testment tat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Dicembru 2003 redatt mil-istess Nutar (Dok. C a fol. 22 tal-atti) u t-testment datat sbatax (17) ta' Mejju 2004 esebit fl-atti w immarkat bhala Dok. D a fol. 25 tal-atti.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza b'mod partikolari l-ewwel eccezzjoni dwar il-kompetenza u dan fis-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2008.

Ikkunsidrat:-

Illi l-konvenuti eccepew in linea preliminary, li din il-Qorti mhiex kompetenti sabiex tisma il-kawza.

Hu veru li l-artikolu 748 tal-Kap 12 jipprovdi li l-valur tal-oggett fil-kawza hu determinat mit-talba meta **(a)** it-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata. Dan ma jfissirx pero li l-Qorti li nizjalment tkun kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-mertu, ma tistax ma tibqax hekk kompetenti, jekk bhala rizultat ta' l-eccezzjonijiet moghtija, dik il-Qorti tkun imsejha tiehu konjizzjoni ta' u tiddecidi materji li jkunu lil hinn mill-kompetenza taghha bhala pre-rekwizit essenzjali biex tiddecidi l-mertu quddiemha.

"*Il-kompetenza ma tiddependix bilfors w unikament mit-talba tal-attur, imma tista tiddependi wkoll, fejn ikun il-kaz mill-eccezjoni tal-konvenut.*" (**Vol. XXXV1C, p 11. P 454**). Jista jigri 'n fatti – kif qed jigi allegat fil-kaz taht ezami – illi "*Ghalkemm l-azzjoni inizjalment kienet ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri*" billi t-talba hija ghall-hlas ta' somma determinata entro l-kompetenza taghha u cioe t-talba ghas-somma ta' tlett elef lira Maltin *(din tigi ezawtorata 'ope exeptionis' bl-impunjazzjoni tal-obbligazzjoni principali*" (**Vol. XXXV11C, P 1 p 542).** Dan jista jigri billi l-Qorti tigi necessarjament mitluba, bhala konsegwenza tal-eccezzjonijiet moghtija u bhala parti mill-process biex tiggudika t-talba quddiemha, li tkkonsidra u tiddecidi t-talba quddiemha li tikkunsidra u tiddecidi obbligazzjonijiet bejn il-kontendenti li jeccedu l-kompetenza taghha. Dan ifisser illi f'kazijiet simili l-kompetenza tal-Qorti, hija finalment determinata mill-indoli tal-obbligazzjoni 'n relazzjoni ghall-obbligat.

Fil-kaz in ezami, l-eccezzjoni tal-intimati, ma tistax tittiehed b'mod izolat u limitat ghas-somma flus li l-attrici qed tippretendi, imma trid tigi deciza fl-isfond tad-dritt minn fejn hi naxxenti t-talba taghha.

Illi din il-kawza tikkoncerna talba tal-attrici sabiex hija tigi moghtija mill-konvenuti, l-prelegat taghha mholli lilha minn nannuha skond it-testmenti fuq imsemmija. Illi din mhiex azzjoni *sic et simplicite,* kif donnu ried ifisser l-avukat tal-attrici fit-trattazzjoni tieghu, li hija kawza sabiex il-konvenuti jhalsuha s-somma ta' sitt elef disgha mija tmienja u tmenin euro (€6,988) u jirrifondulha *television*

tal-ghamla 'HITACHI' u dan ghaliex kemm is-somma flus dovuta u it-*television* tal-ghamla 'HITACHI' huma dovuti lill-attrici minhabba disposizzjonijiet fit-testmenti ta' nannuha.

Ghalhekk il-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-attrici, li l-konvenuti ghandhom jirrifondu lilha it-*television,* ghaliex dan qatt ma kien ghand il-konvenuti w ghalhekk dawn ma ghandhom xejn x'jirrifondu. Ghandhom it-*television* fil-pussess taghhom, ghaliex jinsab parti mill-wirt ta' missierhom.

Illi ghalhekk it-talba ta' l-attrici kellha tkun, fl-ewwel lok, sabiex tigi immessa fil-pusess tal-wirt skond l-artikolu 721 (1) tal-Kap 12, kif del resto saret l-ittra ufficcjali. Il-legatarju f'dan il-kaz, l-attrici, ghandha l-ewwel titlob lill-eredi l-pussess tal-haga legata b'mod illi l-legat ma jigix trasferit *ipso facto* lill-legatarja. Il-legat ighaddi biss ghand l-eredi l-intimati salv imbaghad id-dritt li dawn jittrasferuh lill-legatarja. Konsegwentement, il-legatarja, ma tista tezercita ebda azzjoni kontra l-intimati fuq l-oggett tal-legat, qabel ma jkun sar il-pussess tal-legat. (Vide **Antonia Grech et vs Camelo Farrugia et** deciza nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 1960 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili.)

Jinghad li skond il-ligi, kwalunkwu legat pur u semplici jaghti lill-legatarja, mill-gurnata tal-mewt tat-testatur dritt trasmissibli lill-eredi tieghu jew lil dawk li ghandhom kawza minnu, li jikkonsegwixxu l-legat. Ghalhekk minn dik il-gurnata dak id-dritt jidhol fil-patrimonju tal-legatarju, anke *ad insaputa* tieghu stess u jista jigi aljenat u trasmess lill-eredi u successuri tal-istess legatarju; u l-legatarju, kwindi isir propretarju tal-legat indipendentement mit-tradizzjoni tieghu. Ghalhekk il-legatarju oltre li ghandu l-azzjoni *ex testamento* kontra l-eredi biex igieghlu jirrilaxxjalu l-legat, u hekk huwa jottjeni l-pussess tieghu, jista jirrivendika l-oggett tal-legat kontra kull min jiddetjenih. Pero skond il-ligi civili, l-legatarju ghandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-haga legata, w ghalhekk, a differenza tal-proprjeta il-legat, ma jigix trasferit *ipso facto* lill-legatarju. Il-legat, b'ligi, jghaddi biss

ghand l-eredi salv imbaghad li dan jittrasferih lill-legatarju. B'dan il-mod il-legatarju ma jistghax jezercita kontra t-terzi ebda azzjoni fuq l-oggett tal-legat qabel ma jkun sar il-possessur tieghu.

**Laurent** fil-ktieb **Diritto Civile** Vol. X1V no 62 ighid:-

"*Il legatario che non ha ottenuto il rilascio non puo agire contro i detentori delle cose legate… perche il suo diritto di proprieta non e ancora riconosciuto; e soltanto in virtu del rilascio che verra accettato essere egli proprietario; fino a al momento la sua proprieta rimane un diritto astratto, che puo vendere e che trasmette ai suoi eredi ma di cui non ha l-esercizio.*"

Issa minn ezami tad-disposizjonijiet tal-ligi ghar-rigward ta' dak li jaqa' taht il-kompetenza taghha, u cioe l-artikolu 47 (1) tal-Kap 12, ma hemmx dubbju, li azzjoni dwar immissjoni ta' pussess, ghandha issir quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Ghalhekk din il-Qorti taqbel perfettament mal-eccezzjoni tal-ahwa Joseph u Emmanuel Fava u tiddecidi li m'ghandhiex kompetenza li tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza u dan ghaliex il-kawza kif maghmula, mhiex sostenibbli, billi qabel xejn, l-attrici trid titlob l-immissjoni tal-pussess tal-legati mhollija lilha, liema talba hija ta' kompetenza tal-Qrati Superjuri.

La darba din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, ma hemmx lok li jigu ezaminati l-ecezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.

**Ghalhekk, l-Qorti, tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni tal-konvenuti li din il-Qorti mhiex kompetenti sabiex tisma l-kawza odjerna u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din il-kawza.**

**Bl-ispejjez kontra l-istess attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------